MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1132/2011

Il-Pulizija
(Sp Arthur Mercieca u Sp Priscilla Caruana)
vs
Salah Yuusuf Farah, iben Salah, imwieled is-Somalja fl-1 ta’ Settembru, 1990, Karta ta’ l-Identita numru 56127(A)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fit-8 ta’ Ottubru, 2011 għal ħabta tal-4.30 p.m. ġewwa Ħal-Far, bil-ħsieb li jikkaġuna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Hassan Farey, ta bidu għal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi permezz ta’ arma bil-ponta u li taqta’, volontarjament ikkaġuna feriti ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Hassan Farey skont kif iċċertifika Dr. Maureen Bezzina M.D. ta’ l-Isptar Mater Dei;

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-paċi u l-ordni pubbliku b'għajjat u ġlied.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2011 fejn Hassan Farey ħafer lill-imputat.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberha minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 221(1)(2) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------